



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9871/18
ADD 5

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0226 (NLE)

RECH 275
COMPET 425
ATO 33
CADREFIN 82
IA 191

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 308 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposti għal Dokument ta' HĪdma tal-Persunal tal-Kummissjoni SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL- IMPATT Li jakkumpanja d-dokument REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall- parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il- Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (2021-2025) li jikkumplimenta lil Orizzont Ewropa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 308 final.

Mehmuż: SWD(2018) 308 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2018
SWD(2018) 308 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposti għal

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT
Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jstabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
u li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-partekipazzjoni u d-disseminazzjoni

REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità
Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (2021-2025) li jikkumplimenta lil Orizzont Ewropa l-
Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

{COM(2018) 435 final} - {COM(2018) 436 final} - {COM(2018) 437 final} -
{SEC(2018) 291 final} - {SWD(2018) 307 final} - {SWD(2018) 309 final}

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din il-valutazzjoni tal-impatt takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas 2021-2027 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE, li se jissuċċedi l-Programm attwali, Orizzont 2020 (attiv bejn 2014-2020), u l-proposta għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika 2021-2025 (Programm Euratom).

Ir-riċerka u l-innovazzjoni tgħin lill-Ewropa tagħti riżultati rigward il-prijoritajiet taċ-ċittadini, kif inkorporati fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, biex tikseb it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi ta' kwalità għolja, u biex issolvi l-isfidi globali tal-preżent u dawk mhux previsti. Madankollu, attwalment l-Ewropa ġeneralment ma tinvestix biżżejjed fir-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha, u b'hekk qiegħda tirriskja li taqa' lura.

L-investment fil-livell tal-UE, permezz ta' Programmi Qafas suċċessivi, appoġġa l-provvediment ta' prodotti pubbliċi b'valur miżjud Ewropew għoli. Dan il-valur miżjud jiġi mill-fokus tal-Programmi fuq l-eċċellenza permezz tal-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni fl-Ewropa kollha. Il-Programmi Qafas jappoġġjaw it-taħriġ u l-mobilità tax-xjenzati, joħolqu kollaborazzjonijiet transnazzjonali, transsettorjali u multidixxiplinari, jingranaggaw investment pubbliku u privat addizzjonali, jibnu l-evidenza xjentifika meħtieġa għall-politiki tal-UE, u għandhom effetti ta' strutturar fuq is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali. L-impatt sinifikanti u dejjiemi tal-Programmi Qafas, b'mod partikulari tal-Programm attwali, huwa rrikonoxxut mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati bl-istess mod.

Orizzont Ewropa huwa mibni fuq l-evidenza u t-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. Dan il-Programm ġdid ser ikun evoluzzjoni, mhux rivoluzzjoni, li se tiffoka fuq ftit titjib fit-tifsila biex jiżdedu aktar l-aċċess miftuħ u l-impatt.

L-għanijiet ġenerali ta' Orizzont Ewropa jtnisslu mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn se jkunu: biex isaħħu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni u jrawmu l-kompetittività tagħha, inkluż l-industrija tagħha; biex jagħtu riżultati rigward il-prijoritajiet tal-politika strateġika tal-UE u jikkontribwixxu għat-trattament tal-isfidi globali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Biex jindirizza sfidi partikulari tar-riċerka u l-innovazzjoni li qed jiġu ffaċċjati mill-UE, Orizzont Ewropa għandu wkoll għanijiet speċifiċi. L-għanijiet kollha japplikaw fl-aspetti kollha tal-Programm, u l-partijiet individwali kollha tal-Programm se jikkontribwixxu għall-ksib tagħhom.

L-evoluzzjoni minn Orizzont 2020 hija riflessa fl-istruttura aġġornata. L-istruttura ta' tliet pilastri se titkompla, imma mfassla mill-ġdid għal aktar koerenza, kemm bejn il-pilastri kif ukoll u fi ħdanhom, b'appoġġ għall-għanijiet tal-Programm.

Pilastru 1 - Xjenza Miftuħa se jkompli jiffoka fuq ix-xjenza eċċellenti u l-għarfien ta' kwalità għolja tal-UE biex isahha il-bażi xjentifika tal-UE permezz tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Azzjonijiet Marie-Skłodowska Curie u l-Infrastrutturi tar-Riċerka. Bħala pilastru minn "isfel għal fuq", immexxi mill-investigatur, se jkompli jagħti lill-komunità xjentifika rwol qawwi.

Pilastru 2 - Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali se jindirizza aħjar il-prijoritajiet tal-politika tal-UE u jappoġġja l-kompetittività industrijali billi jintegra *L-Isfidi tas-Soċjetà* u *It-Tmexxija fit-Teknoloġiji Industrijali Abilitanti* ta' Orizzont 2020 f'ħames gruppi (jiġifieri s-Saħħa; Reżiljenza u s-Sigurtà; Diġitali u Industrija; Klima, Enerġija u Mobilità; u Ikel u

riżorsi naturali). Il-gruppi se jappoġġjaw aħjar l-ispettru sħiħ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jkabbru r-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi fost is-setturi, id-dixxiplini u l-oqsma tal-politika kollha u b'hekk jagħtu spinta lill-flessibilità, lill-fokus, u lill-impatt. Minħabba l-fokus tal-politika tiegħu, il-pilastru se jiġi implimentat "minn fuq għal isfel" permezz ta' proċess ta' ppjanar strateġiku li jiżgura l-involvement tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà, u l-allinjament mal-attivitajiet tal-Istati Membri. Il-pilastru se jagħti viżibilità adatta lill-irwol essenzjali tal-industrija fil-ksib tal-għanijiet kollha tal-Programm, mhux l-inqas fit-trattament tal-isfidi globali, inkluż billi jiżviluppa teknoloġiji abilitanti ewlenin għall-futur.

Pilastru 3 - Innovazzjoni Miftuħa se joffri punt uniku ta' servizz għall-innovaturi ta' potenzjal għoli bil-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, u se jkabbar il-kooperazzjoni mal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-atturi. Dawn l-attivitajiet se jiġu ddeterminati l-aktar minn "isfel għal fuq", billi jintegraw u jirrijorganizzaw l-attivitajiet ta' Orizzont 2020, bħall-Innovazzjoni fl-SMEs (notevolment l-istrument tal-SMEs), il-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni, kif ukoll it-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti. L-innovazzjoni se tkompli tiġi appoġġjata fil-Programm kollu, mhux biss f'dan il-pilastru ffokat fuq l-innovazzjoni.

Orizzont Ewropa se jirrinforza wkoll iż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz ta': Il-kondiviżjoni tal-eċċellenza (li testendi l-azzjonijiet ta' Orizzont 2020 li jgħinu tiġi ttrattata l-prestazzjoni baxxa fir-riċerka u l-innovazzjoni jiġifieri Ħolqien ta' Timijiet, Ġemellaġġi, il-presidenti tal-ERA, u COST); riformi u politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopru l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki; attivitajiet ta' tbassir; u monitoraġġ, evalwazzjoni, disseminazzjoni u użu tar-riżultati tal-Programm Qafas

Il-Programm il-ġdid ser ikollu ftit karatteristiċi u tisdij oriġinali tal- elementi eżistenti. Minħabba li Orizzont 2020 jinsab fuq perkors tajjeb biex iwassal l-eċċellenza, l-impatt u l-aċċess miftuħ, dawn it-tibdiliet se jagħmlu lill-Programm suċċessur jikseb saħansitra aktar impatt (permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-orjentazzjoni tal-missjoni) u aktar aċċess miftuħ (permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, politika rinforzata dwar ix-Xjenza Miftuħa, u approċċ ġdid tal-politika dwar is-Sħubijiet Ewropej).

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jgħin ipoġġi lill-UE fit-tmexxija tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja li toħloq is-swieq. Huwa se jappoġġja lill-proġetti tal-innovazzjoni ta' riskju għoli li joħlqu s-swieq u li ma jiġġenerawx dħul (għalissa), se jgħin biex jinholq pont li jaqsam "il-wied tal-mewt" bejn ir-riċerka u l-kummerċjalizzazzjoni, u jappoġġja l-espansjoni tal-kumpaniji. L-appoġġ imfassal apposta għall-innovaturi ser jgħaddi minn żewġ strumenti ewlenin ta' finanzjament. Il-Pathfinder għar-Riċerka Avanzata se jipprovdi għotjiet mill-istadju bikri tat-teknoloġija (prova tal-kunċett, validazzjoni tat-teknoloġija) sal-istadju bikri tal-kummerċjalizzazzjoni (il-wiri bikri, l-iżvilupp ta' każ tan-negozju u l-iżvilupp ta' strateġija). L-Aċċelleratur se jappoġġja aktar żvilupp u skjarar fis-suq tal-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u li joħlqu s-swieq, sal-istadju fejn huma jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati b'termini kummerċjali normali mill-investituri (mill-wiri, ittestjar mill-utenti, il-produzzjoni pre-kummerċjali u lil hinn, inkluż l-iskalar). Dan ser ipoġġi enfasi partikulari fuq l-innovazzjoni ġġenerata fi ħdan il-Pathfinder, minkejja li jiffinanzja wkoll minn partijiet oħra tal-Programm bħall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jew il-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni. L-implikazzjonijiet mistennija tar-rwol li jilgħab il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jinkludu aktar innovazzjoni li toħloq s-swieq il-ġodda tal-futur, aktar kumpaniji li jespandu fl-Ewropa u tkabbir oġġetti tal-SMEs, u aktar intraprenditorija u teħid tar-riskju.

Orizzont Ewropa se jara l-introduzzjoni ta' sett limitat ta' "missjonijiet" ta' riċerka u innovazzjoni viżibbli b'mod qawwi taħt il-Pilastru 2 (imma potenzjalment jipprovdi wkoll direzzjoni lill-pilastri l-oħra). Il-missjonijiet se jipprioritizzaw l-investment u jistabbilixxu d-direzzjonijiet biex jinkisbu l-għanijiet b'relevanza għas-soċjetà, biex b'hekk joħlqu aktar

impatt u sensibilizzazzjoni, jinkoraġġixxu approċċ sistemiku (li jitlaq mill-fehma ta' setturi dojoq għal sistemi sħaħ), u jallinja l-istrumenti u l-aġendi għar-riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa. Il-missjonijiet jew se jaċċelleraw il-progress lejn soluzzjoni xjentifika, teknika u tas-soċjetà stabbilita, billi jiffokaw fuq investiment kbir fuq mira speċifika; jew jittasformaw sistema soċjali jew industrijali sħiħa fi ħdan skeda stabbilita. Huma se jintgħażlu wara t-tnedija tal-Programm, skont kriterji stretti tal-għażla, u koddisinjati mill-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini. L-implikazzjonijiet mistennija ta' dan l-approċċ il-għdida tal-missjoni jinkludu aktar kooperazzjoni transsettorjali u transdixxiplinari, impatt ogħla fuq l-isfidi globali u l-prijoritajiet tal-UE, u tnaqqis tal-vojt bejn ix-xjenza u l-innovazzjoni, u s-soċjetà.

Kooperazzjoni internazzjonali msaħħa hija kruċjali biex jiġi żgurat l-aċċess għat-talent, l-għarfien, il-faċilitajiet u s-swieq fid-dinja kollha, biex jiġu ttrattati b'mod effettiv l-isfidi globali u biex jiġu implimentati l-impenji globali. Il-Programm Qafas se jintensifika l-kooperazzjoni u jestendi l-aċċess miftuħ għall-assoċjazzjoni biex jinkludi l-pajjiżi kollha b'kapaċitajiet eċċellenti fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, biex jagħmel il-kooperazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti konġunti kemm jista' jkun bla xkiel. Il-programm se jkompli jiffinanzja l-entitajiet minn pajjiżi bi dħul baxx sa medju. L-entitajiet minn ekonomiji industrijalizzati u emerġenti ser jiġu ffinanzjati biss jekk ikollhom kompetenzi jew faċilitajiet essenzjali. L-implikazzjonijiet mistennija jinkludu eċċellenza ogħla fil-Programm, aktar influwenza għall-UE fit-tiswir tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni globali, u impatt ogħla.

Xjenza Miftuħa se ssir il-*modus operandi* tal-Programm il-għdid, u tmur lil hinn mill-politika ta' aċċess miftuħ ta' Orizzont 2020 biex tirrikjedi aċċess miftuħ immedjat għall-pubblikazzjonijiet u d-data (b'possibilitajiet ta' nonparteċipazzjoni għal tal-aħħar), u pjanijiet għall-ġestjoni tad-data tar-riċerka. Il-Programm se jħeġġeġ it-tixrid tad-data FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli) u jappoġġja ekosistema sostenibbli u innovattiva ta' komunikazzjonijiet akkademiċi; huwa se jrawwem attivitajiet biex jittejjbu l-ħiliet tar-riċerkatur fix-Xjenza Miftuħa u jappoġġja sistemi bi premju li jippromovuha. L-integrità tar-riċerka u x-xjenza taċ-ċittadin se jkollhom irwol ċentrali, kif se jkollu l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni għdida ta' indikaturi għall-valutazzjoni tar-riċerka.

L-approċċ għid għas-Sħubijiet Ewropej se jkun aktar iffokat fuq l-impatt. Il-ħtieġa li jiġi stabbiliti Sħubijiet Ewropej tal-futur jew li jiġġeddu dawk eżistenti se tiġi identifikata bħala parti mill-proċess ta' pprogrammar strateġiku għall-Programm Qafas. Is-Sħubijiet Ewropej kollha se jkunu miftuħa għat-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati (pereżempju, l-industria, l-Istati Membri u fondazzjonijiet filantropiċi) u se jkunu limitati fiż-żmien b'kondizzjonijiet ċari għall-eliminazzjoni gradwali tal-finanzjament tal-Programm Qafas. Huma se jkunu mfasslin abbażi tal-prinċipji tal-valur miżjud tal-Unjoni, it-trasparenza, l-aċċess miftuħ, l-impatt, l-effett tal-ingranaġġ, l-impenn finanzjarju fit-tul mill-partijiet involuti kollha, il-flessibilità, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-inizjattivi tal-Unjoni, lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Ix-xenarju tas-sħubijiet tal-futur se jiżgura l-aħjar koerenza bejn l-attivitajiet u s-sħubijiet tal-Programm Qafas. Se jkun hemm tliet tipi biss: i) Sħubijiet Ewropej koprogrammati, abbażi ta' memoranda ta' qbil jew arranġamenti kuntrattwali; ii) Sħubijiet Ewropej kofinanzjati, abbażi ta' azzjoni ta' kofinanzjament ta' programm unika, flessibbli; iii) Sħubiji Ewropej istituzzjonalizzati (abbażi tal-Artikolu 185 jew 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). Bl-użu ta' approċċ ta' ċiklu tal-ħajja l-Programm Qafas se jstabbilixxi l-kriterji għall-għażla, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni gradwali tas-Sħubijiet Ewropej kollha.

It-tibdiliet fl-istruttura tal-Programm u t-titjib tiegħu se jiffaċilitaw il-ksib tal-għanijiet tal-Programm, u biex b'hekk isir aktar effettiv u jgħin jiġġenera saħansitra aktar benefiċċji

ekonomiċi u jwassal aktar valur għall-flus. Dawn l-effetti se jkunu amplifikati permezz ta' sinerġiji u komplementaritajiet msaħħa ma' programmi oħra tal-UE, pereżempju permezz tas-Siġill tal-Eċċellenza.

Twassil effiċjenti huwa essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha. Hu wkoll iċ-ċavetta biex jinkisbu impatt oġġla u aktar simplifikazzjoni. Bit-tkomplija tal-kisbiet ta' Orizzont 2020, is-simplifikazzjoni tibqa' sforz li se jitkompla wkoll fil-Programm ġdid. Sar titjib biex jiġi rfinat it-twassil għall-impatt. Il-Programm se jimmira lejn aktar simplifikazzjoni fi ħdan is-sistema attwali ta' rimborż tal-kostijiet reali bil-mudell ta' finanzjament issimplifikat tagħha. Se jsir użu akbar mill-finanzjament tal-proġetti meta jitlestew l-attivitajiet (jiġifieri, bħala somma ta' darba) u forom issimplifikati oħra ta' finanzjament ipprovduti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Kontrodipendenza fuq l-awditi fil-programmi kollha tal-UE u l-aċċettazzjoni tal-prattiki normali tal-kontabilità tal-kostijiet se jiġu żviluppati. Biex tiżdied il-flessibilità, il-Programm se jappoġġja l-intersezzjoni tad-dixxiplini u s-setturi u jippermetti l-allokazzjoni tal-fondi bejn u fi ħdan il-pilastri sabiex dan jirreaġixxi b'mod rapidu għal kwistjonijiet jew sfidi emerġenti. Se jkun previst aktar titjib fis-sottomissjonijiet tal-proposti u fil-proċess tal-evalwazzjoni billi kontinwament jipprova jnaqqas "iż-żmien għall-għotja" u jtejjeb ir-rispons lill-applikanti. Il-kriterji, il-proċess u l-involvement tal-esperti indipendenti tal-evalwazzjoni, se jenfasizzaw l-eċċellenza u l-impatt tal-Programm. Skemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni se jiġu rfinuti taħt il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, waqt li l-komplementarjetà bejn l-għotjiet u l-istrumenti finanzjarji se tiġi rinforzata permezz ta' finanzjament imħallat.

Fl-aħħar mill-aħħar l-impatt jiddependi fuq id-disseminazzjoni u l-esplorazzjoni tad-data u r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u jeħtieġ li jiġi identifikat u kkomunikat b'mod effettiv. Strateġija ambizzjuża u komprensiva se żżid id-disponibilità ta' tali data u riżultati u taċċellera l-adozzjoni tagħhom biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-Programm. Portafolli tar-riżultati maturi se jiġu użati f'sinerġija ma' programmi oħra tal-UE biex tiġi żgurata l-adozzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali u reġjonali, u jiġi massimizzat il-potenzjal Ewropew fl-innovazzjoni. Dan se jiġi kkumplementat b'kampanji effettivi ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni li jibnu l-fiduċja u jingagħġaw liċ-ċittadini.

Il-progress lejn l-għanijiet tal-Programm se jiġi ttraċċat matul "id-direzzjonijiet tal-impatt" (fuq l-impatt xjentifiku, tas-soċjetà, ekonomiku). Id-direzzjonijiet tal-impatt ser ikunu sensittivi għaż-żmien u ser jiddistingwu bejn it-terminu qasir, medju u twil. L-indikaturi tad-direzzjoni tal-impatt se jkun fihom informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva, u d-disponibilità tagħha se tiddependi fuq l-istadju tal-implimentazzjoni tal-Programm. Il-partijiet individwali tal-Programm se jikkontribwixxu għal dawn l-indikaturi bi gradi li jvarjaw u permezz ta' mekkaniżmi varji. Id-data wara l-indikaturi ewlenin tad-direzzjoni tal-impatt se tingħabar b'mod ġestit u armonizzat ċentralment b'piż minimu tal-irrapportar fuq il-benefiċjarji, inkluż permezz tal-użu ta' identifikaturi uniċi għall-applikanti u bl-akkwist tad-data b'mod awtomatiku minn bażijiet tad-data esterni pubbliċi u privati eżistenti. Linji bażi, miri u punti ta' riferiment se jiġu stabbiliti qabel it-tnedija tal-Programm. Id-data tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni mill-Programm se tkompli tingħabar qrib il-ħin reali. Se titwettaq analiżi kull sena tal-progress fid-dimensjonijiet ewlenin tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni. Evalwazzjonijiet interim u *ex post* se jiżguraw li l-metodoloġiji huma konsistenti u li l-kopertura hija komprensiva.